**26 ta' Novembru, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Raffaele Spiteri

*versus*

Giovanni Mizzi nomine et

**Kollizzjoni bejn bastimenti — Ġurisdizzjoni — Qorti tal-Viċi Ammiraljat — Art. 2, 3, 4 tal-Kap. 41 tal-liġijiet ta' Malta — Art. 743 (g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*F'kollizzjoni bejn żewġ bastimenti fil-Port il-Kbir bejn partijiet ta' Nazzjonalità Maltija, il-Qorti Kummerċjali ta' Malta hi*

***kompetenti u ma humiex neċessarji l-proċeduri preliminar. mposti mill-artikolu 3 u 4 tal-Kap. 41 tal-Liġijiet ta' Malta***

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li fl-għaxra (10) ta' Ottubru, 1964, waqt li l-konvenut Kaptan Mizzi kellu taħt il-kontroll tiegħu it-tug boat "Bull-Terrier" imħabba traskuraġni, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti ħabat mal-motor fishing vessel "Madonna tal-Karmnu", proprietà tal-attur fil-Port il-Kbir u kkaġonalha danni materjali kif ukoll ikkaġuna danni oħra li konsegwentement sofra l-attur, kif jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, talab li — prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, segnatament dik li l-konvenut Kaptain Mizzi, huwa responsabbli għal dika l-kolliżjoni, u mogħti kull provvedimenti opportuni — l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh solidalment bejniethom dik is-somma li tiġi likwidata okkorrendo permezz ta' periti nominandi in linea ta' danni hekk sofferti minnu. Bl-imgħaxijiet kummerċjali u bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Kaptan Giovanni Mizzi, bħala Kaptan tat-Tug Boat "Bull Terrier", li biha eċċepixxa n-nullità tal-att taċ-ċitazzjoni peress li l-attur naqas milli jippreżenta l-atti preliminari mposti mill-artikolu 3 u 4 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut maġġur Hannibal A. Scicluna, M.B.E., nomine li biha qal, li via preliminari, li ċ-ċitazzjoni m'hiex akkompanjata bl-att preliminari skond l-artikolu 4 tal-Kapitolu 41 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk hija nulla.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

*Illi* kif jidher mill-preambolu tal-ordinanza III tal-1892 (illum Kap. 41 tal-Liġijiet ta' Malta) ċitata mill-konvenuti, l-oġġett ta' dik il-liġi kien dak li jittrasferixxi lil din il-Qorti d-dritt li tittratta u tiddeċiedi fuq kawżi li qabel il-meritu tagħhom kien jispetta lill-Qorti tal-Viċi Ammiraljat, li mbagħad ġiet abolita. Kwantu għall-proċedura ġie stabbilit (art. 2) li din għandha tkun skond dik normali kif stabbilita fil-liġi tal-Proċedura Ċivili (llum Kapitlu 15 tal-Liġijiet ta' Malta) neħħi li fl-art. 3 ġie stabbilit li fil-kawżi għad-danni minn kolliżżjoni għandhom jibqgħu jiġu mħarsa d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 54 tar-Regolamenti hemm indikati dwar attijiet hemm imsejħa attijiet preliminari, li fuqhom, imbagħad, jiddisponi l-artikolu 4 ta' dik l-ordinanza;

*Illi* huma dawn id-dispożizzjonijiet li l-konvenuti qegħdin jeċċepixxu li kellhom jiġu segwiti f'din il-kawża. Dan kien ikun veru li kieku l-meritu tal-kawża preżenti kien wieħed mill-każi li dina l-Qorti ġiet mogħtija l-fakoltà li tista' tibda tiddeċiedi bħala effett tat-trasferiment ta' ġurisdizzjoni operat bl-Ordinanza riferita, billi hu evidenti li l-proċedura hemm traċċjata kellha biss tiġi segwita f'dawka l-każi; dik l-ordinanza nfatti żiedet mal-kompetenza (u ġurisdizzjoni) ta' dina l-Qorti u l-proċedura ċitata kellha u għandha għalhekk tiġi segwita fil-każi biss hekk miżjuda. Infatti dina l-Qorti fil-ġurisdizzjoni u kompetenza ordinarja tagħha, skond il-liġi tal-Proċedura allura viġenti (ordinanza IV tal-1854 — Art. 45), kellha l-fakoltà li tittratta l-kawżi kollha ta' natura kummerċjali u skond l-artikolu 4 tal-ordinanza XIII tal-1857 l-obbligazzjonijiet derivanti minn kolliżżjonijiet kienu dikjarati materja kummerċjali, u f'dawna l-każi ċertament il-proċedura kienet dik normali li ma setgħetx tkun dik indikata mill-konvenuti, li ġiet introdotta ferm wara fiż-żmien bħala applikabbli għal dina l-Qorti.

*Illi ma jistax ikun* hemm dubbju li l-każ odjerna, u ċioè

ta' kolliżżjoni li ġrat fil-Port il-Kbir u kwindi fil-ġurisdizzjoni ta' dawna l-Qrati, u bejn partijiet ta' nazzjonalità Maltija apparti l-esegwibilità tas-sentenza li tista' tingħata favur l-attur li hu sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-sens tal-Art. 743 (g) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili (ġià Artiklu 749 (7°) tal-Ordinanza IV tal-1854 ġià ċitata), kien ikun fil-kompetenza ta' dina l-Qorti anke meta kien hawn Malta konkorrentement il-Qorti anke tal-Viċi-Ammiraljat, u l-proċedura quddiem din il-Qorti kienet tkun, kif intqal, skond il-proċedura normali tagħha, kif inhi dik inizjata u introdotta mill-attur attwali; u la darba, kif intqal ukoll, il-proċedura susseġwenti tal-atti preliminari ġiet introdotta għall-każi biss li qabel ma kienitx ta' kompetenza ta' dina l-Qorti, u ma taffettwax il-każi l-oħrajn, il-konklużjoni ma tistax tkun ħlief li l-proċedura odjerna hija korretta u skond il-liġi.

Għal dawna l-motivi:—

Tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità tal-proċedura segwita mill-attur sollevata mill-konvenuti nomine, bl-ispejjeż kontra dawn, u tħalli l-kawża għat-trattazzjoni fil-meritu, għas-seduta għat-8 ta' Frar, 1966.